**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 484/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Matthew Grech)**

**Vs**

**Sanya Emilova Chakarova**

**Illum 27 ta' Ottubru 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet[1] dedotti fil-konfront ta' Sanya Emilova Chakarova, imwielda nhar il-11 ta' Settembru 1995, ġewwa l-Bulgarija, detentriċi ta' Passaport Bulgaru bin-Numru 383331472 u tal-Karta ta' l-Identità Bulgara bin-Numru 645786006, talli bejn it-18 ta' Lulju 2021 u s-26 ta' Lulju 2021, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti ukoll jekk magħmula fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Ikkommettiet serq ta' mobile phone u flus, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-persuna, bil-lok u bil-ħin, u li sar għad-dannu ta' Antti Kaleva Koivisto;

2. Xjetement laqgħet għandha jew xtrat ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li kien, indaħlet biex tbiegħhom;

3. Mingħajr awtorizazzjoni, użat computer jew xi tagħmir jew apparat ieħor biex tidħol f'xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ li jinżammu f'dak il-computer jew f'xi computer ieħor, jew użat, tikkupjat jew immodifikat kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ bħal dawk;

4. Mingħajr awtorizzazzjoni użat il-kodiċi ta' dħul, password, isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz ieħor ta' dħul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna oħra f'computer jew b'xi mod kisret kwalunkwe miżura ta' sigurtà sabiex akkwistat aċċess mingħajr awtorizzazzjoni għas-sistema ta' l-informatika kollha jew parti minnha;

5. Mingħajr awtorizazzjoni ħadet pussess ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ jew għamlet użu minnhom;

[1] Fol. 124 u 125 tal-proċess.

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti: (i) f'każ ta' ħtija, fuq il-piena għar-reati kollha imsemmija, jekk hekk jidhrilha xierqa tapplika l-Artikolu 28H għall-fini ta' kumpens fil-konfront tad-derubati kollha; u (ii) f'kaz ta' ħtija, minbarra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputata sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputata wieġbet li ma hijiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħha[2];

Rat id-dokumenti markati Dok. "MG1" sa' Dok. "MG4" esebiti mill-Prosekuzzjoni a fol. 11 sa' 23 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Matthew Grech mogħtija waqt is-seduti tad-9 ta' Awwissu 2021[3] u tal-25 ta' Jannar 2022[4] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "MG5" sa' Dok. "MG17" a fol. 41 sa' 66 tal-proċess u d-dokument Dok. "MGX" a fol. 185 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Antti Kaleva Koivisto[5] u ta' Clint Demanuele[6] mogħtija waqt is-seduta tad-9 ta' Awwissu 2021, semgħet ix-xhieda ta' Pierre Schembri[7] u ta' Shaun Bonello[8] mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Awwissu 2021 u x-xhieda ta' Veronica Scerri[9], Scarlett Farrugia[10] u Luke Orsini[11] mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' Ottubru 2021, semgħet ix-xhieda ta' Kimberly Vella mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Diċembru 2021[12] u x-xhieda ta' PS790 Nathan Zerafa[13] u PS1440 Sergio Spiteri[14] mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Diċembru 2021, semgħet ix-xhieda ta' Marianna Bonello mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Jannar 2022[15] u x-xhieda ta' Anthony Bonnici[16], in rappreżentanza ta' GO p.l.c., u ta' Charmaine Zammit[17], in rappreżentanza ta' Epic Communications Limited, mogħtija waqt is-seduta tad-9 ta' Frar 2022 u rat id-dokument esebit minn Anthony Bonnici markat Dok. "AB" a fol. 194 sa' 211 tal-proċess u d-dokumenti esebiti minn Charmaine Zammit markati Dok. "CZ1" u Dok. "CZ2" a fol. 214 u 215 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Donna Orsini[18] u ta' Kurt Polidano[19] mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Marzu 2022 u x-xhieda ta' Dustin Bugeja[20] u ta' Romina Farrugia[21] mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Mejju 2022, semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Tekniku Keith Cutajar mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Awwissu 2022[22] u rat ir-Relazzjoni esebita minnu markata Dok. "KC" a fol. 303 sa' 325 tal-proċess (€944.84);

Rat id-Digriet mogħti fit-28 ta' Ottubru 2021 a fol. 157 u 158 tal-proċess;

Semgħet ix-xhieda limitatament għall-finijiet ta' ħelsien mill-arrest mogħtija minn Annabelle Camilleri Monreal waqt is-seduta tat-28 ta' Ottubru 2021[23], minn Alison Gauci

[2] Fol. 123 tal-proċess.
[3] Fol. 29 sa' 40 tal-proċess.
[4] Fol. 183 u 184 tal-proċess.
[5] Fol. 67 sa' 80 tal-proċess.
[6] Fol. 81 sa' 84 tal-proċess.
[7] Fol. 86 sa' 91 tal-proċess.
[8] Fol. 92 sa' 94 tal-proċess.
[9] Fol. 132 sa' 134 tal-proċess.
[10] Fol. 135 sa' 141 tal-proċess.
[11] Fol. 142 sa' 146 tal-proċess.
[12] Fol. 170 sa' 172 tal-proċess.
[13] Fol. 174 u 175 tal-proċess.
[14] Fol. 176 u 177 tal-proċess.
[15] Fol. 186 u 187 tal-proċess.
[16] Fol. 192 u 193 tal-proċess.
[17] Fol. 212 u 213 tal-proċess.
[18] Fol. 236 sa' 239 tal-proċess.
[19] Fol. 242 sa' 245 tal-proċess.
[20] Fol. 256 u 257 tal-proċess.
[21] Fol. 258 u 259 tal-proċess.
[22] Fol. 301 u 302 tal-proċess.
[23] Fol. 159 sa' 163 tal-proċess.

waqt is-seduta tas-16 ta' Marzu 2022[24] u minn Charlene Gatt waqt is-seduta ta' l-24 ta' Ġunju 2022[25];

Rat l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropeja indirizzata lill-awtoritajiet ġewwa l-Lithuania, esebita mill-Prosekuzzjoni, it-trasmissjoni ta' liema ġiet ordnata b'Digriet datat 30 ta' Ġunju 2022[26];

Rat ir-Rikors konġunt ta' l-Avukat Ġenerali u ta' l-imputata ai termini ta' l-Artikolu 392A(5) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, ippreżentat fis-17 ta' Ottubru 2022[27];

Rat li fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2022, wara li l-Qorti ai termini ta' l-Artikolu 392A(7) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta spejgat lill-imputata bi kliem ċar x'inhuma l-konsegwenzi tat-talba minnha avvanzata flimkien ma' l-Avukat Ġenerali bir-Rikors konġunt ippreżentat fis-17 ta' Ottubru 2022 kif ukoll il-konsegwenzi ta' ammissjoni da parte tagħha, l-imputata irreġistrat ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tagħha, liema ammissjoni ġiet minnha imtennija u kkonfermata wara li il-Qorti ai termini ta' l-Artikolu 392A(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, wissietha bl-iktar mod solenni bil-konsegwenzi legali tat-tweġibha tagħha u tatha biżżejjed żmien biex terġa' lura minnha[28];

Rat l-Artikolu 392A(5)(6)(7) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Ikkunsidrat:**

L-imputata qed tiġi mixlija talli bejn it-18 ta' Lulju 2021 u s-26 ta' Lulju 2021, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti ukoll jekk magħmula fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (1) Ikkommettiet serq ta' mobile phone u flus, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-persuna, bil-lok u bil-ħin, u li sar għad-dannu ta' Antti Kaleva Koivisto; (2) Xjetement laqgħet għandha jew xtrat ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li kien, indaħlet biex tbiegħhom; (3) Mingħajr awtorizazzjoni, użat computer jew xi tagħmir jew apparat ieħor biex tidħol f'xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ li jinżammu f'dak il-computer jew f'xi computer ieħor, jew użat, tikkupjat jew immodifikat kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ bħal dawk; (4) Mingħajr awtorizzazzjoni użat il-kodiċi ta' dħul, password, isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz ieħor ta' dħul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna oħra f'computer jew b'xi mod kisret kwalunkwe miżura ta' sigurtà sabiex akkwistat aċċess mingħajr awtorizzazzjoni għas-sistema ta' l-informatika kollha jew parti minnha; (5) Mingħajr awtorizazzjoni ħadet pussess ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ jew għamlet użu minnhom.

Oriġinarjament l-imputata wieġbet li ma hijiex ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħha.

Permezz ta' Rikors konġunt ta' l-Avukat Ġenerali u ta' l-imputata ai termini ta' l-Artikolu 392A(5) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, ippreżentat fis-17 ta' Ottubru 2022, il-Qorti ġiet

[24] Fol. 240 u 241 tal-proċess.
[25] Fol. 284 sa' 286 tal-proċess.
[26] Fol. 329 sa' 355 tal-proċess.
[27] Fol. 356 tal-proċess.
[28] Fol. 358 tal-proċess.

infurmata li ntlaħaq ftehim bejniethom ai termini ta' l-imsemmi Artikolu 392A(5) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u talbuha sabiex fl-eventwalità li l-imputata tirreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħha, il-piena li għandha tiġi inflitta fuqha mill-Qorti għandha tkun dik ta' tlett (3) snin u sitt (6) xhur priġunerija effettiva u multa ta' għoxrin elf Euro (€20,000), u dan oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza oħra tassattiva għad-dikjarazzjoni ta' sejbien ta' ħtija ai termini tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Wara li ai termini ta' l-Artikolu 392A(7) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spejgat lill-imputata bi kliem ċar x'inhuma l-konsegwenzi tat-talba minnha avvanzata flimkien ma' l-Avukat Ġenerali bir-Rikors konġunt ippreżentat fis-17 ta' Ottubru 2022 kif ukoll il-konsegwenzi ta' ammissjoni da parte tagħha għall-imputazzjonijiet dedotti kontriha, l-imputata, fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2022, irreġistrat ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tagħha. L-istess imputata tenniet u kkonfermat l-ammissjoni ta' ħtija tagħha wara li l-Qorti ai termini ta' l-Artikolu 392A(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, wissietha bl-iktar mod solenni bil-konsegwenzi legali tat-tweġibha tagħha u tatha biżżejjed żmien biex terġa' lura minnha.

Wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli tal-Liġi kollha rilevanti għal dawn il-proċeduri, ossia l-Artikoli 17(h), 18, 20, 31, 261(ċ)(d(e)(f), 267, 268(b), 269(g), 270, 279(b), 280(1), 334(a), 337Ċ(a)(i)(f) u 337F(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti hija sodisfatta li l-piena mitluba mill-Avukat Ġenerali u l-imputata fir-Rikors konġunt tagħhom hija tali li huwa leġittimu li tiġi imposta mas-sejbien ta' ħtija ta' l-imputata għall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħha u minnha ammessi. Il-Qorti in oltre tqis li ma għandhiex għaliex tordna li il-proċeduri odjerni jitkomplew skond kif provdut fl-Artikolu 392A(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u tqis ukoll li ma hemm l-ebda raġuni in bażi għal liema għandha tiċħad it-talba konġunta ta' l-Avukat Ġenerali u ta' l-imputata.

Fid-dawl ta' dan kollu għalhekk u fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputata għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tagħha, il-Qorti għandha ssib lill-imputata hekk ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontriha.

Għal finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni t-talba avvanzata mill-Avukat Ġenerali u mill-imputata bir-Rikors konġunt tagħhom ai termini ta' l-Artikolu 392A(5) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, ippreżentat fis-17 ta' Ottubru 2022.

Għal dawn ir-raġunijiet, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(h), 18, 20, 31, 261(ċ)(d(e)(f), 267, 268(b), 269(g), 270, 279(b), 280(1), 334(a), 337Ċ(a)(i)(f) u 337F(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputata, fuq ammissjoni tagħha stess, ħatja ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tagħha u ai termini tar-Rikors konġunt ta' l-Avukat Ġenerali u ta' l-imputata ai termini ta' l-Artikolu 392A(5) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta ppreżentat fis-17 ta' Ottubru 2022, tikkundanna lill-imputata għal tlett (3) snin u sitt (6) xhur priġunerija effettiva u għall-ħlas ta' multa ta' għoxrin elf Euro (€20,000).

Mit-terminu ta' priġunerija hawn impost fuq l-imputata, għandu jitnaqqas iż-żmien li hija għamlet taħt arrest preventiv.

Ai termini ta' l-Artikolu 14 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, peress li l-imputata preżentement tinsab detenuta fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin u ma jirriżultax li għandha introjtu fiss, il-multa ta' għoxrin elf Euro (€20,000) hawn imposta fuqha għandha titħallas minnha fi żmien ħames (5) xhur mid-data meta din is-sentenza tgħaddi in ġudikat. Kemm-il darba l-imputata tonqos milli tħallas tali multa entro it-terminu hawn prefiss, il-multa tiġi konvertita fi priġunerija ai termini ta' l-Artikolu 11(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputata tħallas is-somma ta' €944.84[29], rappreżentanti spejjeż inkorsi għan-nomina ta' l-Espert Tekniku Keith Cutajar. Dawn l-ispejjeż għandhom jitħallsu mill-imputata fi żmien ħames (5) xhur mid-data meta din is-sentenza tgħaddi in ġudikat. Kemm-il darba l-imputata tonqos milli tħallas l-imsemmija spejjeż, tista' tiskatta l-proċedura prefissa fl-Artikolu 533(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia li l-Qorti, fuq rikors tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, toħroġ Mandat ta' Arrest kontra l-imputata bl-ordni li tinġieb quddiemha, u wara li tiżgura ruħha mill-identità ta' l-imputata, tibdel l-ammont ta' spejjeż mhux imħallsa fi priġunerija, bil-kalkolu ta' ġurnata għal kull ħdax-il Euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€11.65) jew frazzjoni ta' l-istess, u tibgħat lill-imputata l-ħabs għaż-żmien li joħroġ minn tali kalkolu.

Ai termini ta' l-Artikolu 23 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna l-konfiska tal-mobile phone ta' l-imputata esebit bħala Dok. "MGX".

Fid-dawl tal-piena imposta fuq l-imputata, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni bbażata fuq l-Artikolu 28H tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.**

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**

---

[29] Fol. ... tal-proċess.